TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru, 2024**

**Talba Nru: CCT3/23/DS**

**Matthew Borg**

**Vs**

**Chris Micallef – AMF Contractors Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-5 ta Jannar, 2023, fejn talab s-soċjeta' intimata riżarċiment ta' elfejn Ewro (€2,000) għal xogħolijiet li ma sarux ġewwa White House, Triq San Ġorg, il-Gżira liema xogħolijiet kienu jikkonsistu f'tikħil u tibjid;

Ra illi l-intimat għas-soċjeta' AMF Contractors Ltd. debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u għal din ir-raġuni ġie meqjus kontumaċi minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-attur preżenta l-pużizzjoni tiegħu;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tiegħu, bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi l-fatti in suċċint huma illi l-attur ħallas ammont ta' erbat elef Ewro għal xogħolijiet fid-dar tiegħu illi skont ix-xhieda, mhux kontradetta tiegħu, kien sar

minnhom biss xogħol ammontanti għal nofs dan il-ħlas w'għaldaqstant qiegħed jitlob illi jiġi riżarċit l-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) għax-xogħolijiet li ma sarux;

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma d-dettalji dwar it-talba tiegħu taħt ġurament. Ġaladarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti ġraw hekk kif gie konfermat taħt ġurament.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi **'jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) lill-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**